MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 993/2000/1

**Emanuel u Theresa konjugi Camilleri**
**vs**
**Gordon u Maria Grazia konjugi Caruana**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fid-19 ta’ Mejju, 2000, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi fit-28 ta’ April 2000 l-atturi pprezentaw Mandat ta’ Inibizzjoni bin-numru 1469/00 fl-ismijiet “Emanuel u Theresa konjugi Camilleri vs Gordon u Maria Grazia konjugi Caruana” u dan sabiex jigu ikkawtelati d-drittijiet taghhom naxxenti minn skrittura privata datata 12 ta’ Dicembru 1972 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument “A”;

Illi fit-12 ta’ Mejju 2000 dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta cahdet li jibqa fis-sehh l-imsemmi Mandat ta’ Inibizzjoni u dan stante illli hija qalet l-atturi ma ghandhom id-drittijiet minnhom vantati u ghalhekk cahdet it-talba maghmula fil-Mandat ta’ Inibizzjoni imsemmi hawn anness u mmarkat bhala Dokument “B”;

Illi dina l-Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni taghha minghajr ma semghet lill-partijiet jispjegaw il-fatti tal-kaz, kif inhija il-prattika kostanti fil-Qrati taghna f’kazijiet simili izda bazikament qaghdet biss fuq dak li intqal mill-konvenuti;

Illi l-atturi intavolaw kawza ohra quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex jigu mhassra d-drittijiet taghhom u dan naxxenti mill-iskrittura privata datata 12 ta’ Dicembru 1972;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tirrrevoka contrario imperio id-digriet moghti minnha fit-12 ta’ Mejju 2000 li permezz tieghu rrevokat d-digriet taghha stess tat-28 ta’ April 2000 u sussegwentement;
2. Tiddeciedi billi tilqa l-pretenzjonijiet vantati mill-atturi u tikkonferma l-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1469/00;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1469/00 u bil-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi t-talbiet tal-attrici huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt billi ma tezisti l-ebda raguni guridika ghar-revoka tal-mandat;

Illi f'kull kaz il-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni mhix guridikament possibbli billi ma jistax ikollok inibizzjoni perpetwa;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju 2001 li permezz tieghu ordnat illi d-disposizzjonijiet kollha li saru fl-atti tal-kawza citazzjoni Nru 991/00 fl-ismijiet "Emanuel u Therese konjugi Camilleri vs Gordon u Maria Grazia konjugi Caruana" ghandhom jitqiesu li saru wkoll f'din il-kawza u illi jigu inseriti fil-process il-kopji ta' dawn id-desposizzjonijiet u tal-affidavits;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-affidavit tal-attur Emanuel Camilleri fejn qal illi permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Dicembru 1972 Stephen Mallia kien ikkoncedielu b'titolu ta' kera il-fond numru 47 St Mary Street Zabbar. Din l-iskrittura saret ftit xhur qabel ma hu izzewweg lill-attrici. L-attur xehed illi kien ilu diga jokkupa dan il-fond minn 1971 u dan il-fond huwa parti minn fond akbar bin-numri 45, 46 u 47. Is-sid illi kien joqghod f'dan l-immobbli dak iz-zmien kien iddecieda lil jikri dik il-parti minn din id-dar kbira u li wara il-kirja beda jifforma l-fond bin-numru 47. L-attur xehed li dan il-fond huwa accessibbli minn entratura komuni u il-kmamar ta' fuq huma accessibbli minn tarag ukoll komuni. Dan it-tarag jaghti ghal zewg targiet ohra li minnhom hu kellu access ukoll ghall-bjut, izda illum il-gurnata wiehed minn dawn il-bjut ma ghadux hemm ghaliex twaqqa mill-konvenuti u kien ghalhekk illi kellu jaghmel il-kawza. L-attur xehed illi huwa minn dejjem kien

juza dawn il-bjut u il-bejt li twaqqa jinstab tista tghid f'nofs il-binja. Dan il-bejt kien iservi ghal inxir ta' hwejjeg u kien iservi wkoll ta' passagg sabiex l-attur ikun jista imur ghall-kmamar u il-bjut mibnija fuq il-kmamar ta' isfel fuq in-naha ta' wara tad-dar residenzjali tieghu. Dawn il-kmamar jintuzaw bhala store biex irabbi l-annimali. L-ilma ta' dan l-istess bejt kien ukoll jinzel fil-bir ta' l-attur, izda issa peress li twaqqa inqatghet il-komunikazzjoni ghall-bir ta' l-attur. Dan il-bejt kien ukoll jilqa l-ilmijiet ta' l-bejt l-iehor. L-attur kompla jghid illi dan il-bejt huwa il-passagg uniku ghall-kmamar illi huwa ghandu fuq in-naha ta' gewwa tal-fond mikri lilu u issa ghandu biss access ghal dawn il-kmamar minn fuq cinta ta' disa' pulzieri li hija perikoluza. Huwa xehed illi dejjem kien juza dan il-bejt u fl-istess skrittura privata hemm imnizzel illi dan il-bejt huwa komuni. Is-sid minn dejjem kien jarah juzah u qatt ma oggezzjona ghal dan l-uzu. Huwa kompla jixhed illi John Bezzina wkoll kien jaf li huwa juza dan il-bejt, Bezzina kien ukoll il-prokuratur tas-sid u gieli wkoll iffirma il-ktieb tal-kera ghan-nom tas-sid. Bezzina kien ukoll jarah juza dan il-bejt u qatt ma oggezzjona.

Illi xehdet ukoll l-attrici Theresa Camilleri u qalet illi meta izzewwget, marret tghix fil-fond 47 Triq Santa Marija Zabbar li kien mikri lill-attur minn meta kien ghadu guvni. Hija qalet illi dan il-fond ghandu tarag li jaghti ghall-kmamar ta' fuq. Kif ezatt jispicca it-tarag hemm zewg targiet ohra li jaghtu ghal fuq il-bejt. Dan kien bejt komuni u hija minn dejjem kienet tuzah biex tonxor il-hwejjeg. Hija xehdet illi Emanuela Mallia, mart sid il-fond, kienet ukoll tuza dan il-bejt biex tonxor, kienet tuza l-istess tarag biex titla fuq il-bejt u peress li t-tarag kien komuni u rat lill-attrici tuza il-bejt biex tonxor u qatt ma oggezzjonat ghal dan l-uzu hija uzat il-bejt biex tonxor. L-attrici xehdet illi dan il-bejt kien juzah ukoll zewgha ta' spiss peress li irabbi xi annimali u ghasafar fil-kmamar mibnija fuq in-naha ta' wara tal-fond. L-attrici kompliet tixhed illi dan il-bejt illum huwa imwaqqa u l-attur jitla ghal kmamar ta' fuq minn fuq cinta ta' disa' pulzieri. Hija kompliet tghid illi dan il-bejt kien bejt komuni u l-ilma ta' fuq jinzel ukoll fil-bir illi ghandhom. Hija xehdet illi John Bezzina kien ta' spiss ikun mas-sidien precedenti tal-fond, cioe' il-konjugi Mallia

u kien jarahom juzaw dan il-bejt u qatt ma oggezzjona ghal dan il-fatt. Meta sar sid tal-fond u hija bdiet thallas il-kera tal-fond lilu, huwa accetta l-kera.

Ikkunsidrat :

Illi xehed iben l-atturi Michael Camilleri u qal illi dejjem kien jara lil ommu tuza il-bejt regolarment flimkien mal-familja ta’ Emanuela Mallia. Michael Camilleri xehed illi l-uniku access ghall-kamra li tinsab fl-istess sular tal-bejt lli fiha l-attur kien irabbi annimali kien minn fuq dan il-bejt. Minn fuq dan il-bejt wiehed facilment setgha jinduna li parti mill-bitha kienet msaqqfa bil-“corrugated fiberglass.” Huwa xehed illi missieru kien izomm il-fond fi stat tajjeb u jaf li Emanuela Mallia qatt ma oggezzjonat li l-attur jaghmel it-tibdil fil-fond mikri lilhom. Huwa xehed illi kif tidhol fl-intrata komuni tal-kerrejja hemm bir li kien jintuza minn kullhadd. Dan il-bir kien jintuza wkoll mill-familja Muscat u warajhom il-familja Falzon u huma kienu juzaw il-bir ghat-tisqija tal-pjanti. Dan il-bir kellu biss ghatu u qatt ma kien imsakkar. Huwa xehed illi Emanuela Mallia kienet oggezzjonat biss illi fil-fond mikri lill-attur kien hemm is-saqaf tat-tarag u kien ghalhekk illi l-atturi, il-genituri tieghu, qatt ma saqfu dan it-tarag. Ix-xhud kompla jghid illi Emanuela kienet taf ukoll dwar il-fatt illi t-twieqi kienu inbiddlu peress illi dawn it-twieqi jidhru wkoll mit-triq. Huwa qal illi dawn it-twieqi inbiddlu peress illi l-injam taghhom kien tmermer u kien jidhol l-ilma tax-xita.

Illi xehed ukoll Alfred Mallia li jigi sekond kugin tas-sid originali Stephen Mallia, u qal illi huwa minn dejjem jiftakar lill-attur u il-familja tieghu juzaw is-saqaf tal-bejt li illum jinsab imwaqqa u dan sabiex imorru ghal fuq il-kumplament tal-bejt li fuqu kienu wkoll jonxru. Huwa ftakar illi anke Emanuela Mallia kienet tonxor fuq dan il-bejt li kien komuni. Ix-xhud qal illi meta l-attur xtara il-fond ta’ hdejh, niffed mal-fond li kien go fih bil-kera u Emanuela Mallia kienet avzat lill-attur li jekk xi darba kellu johrog minn dan il-fond kellu jerga jaghlaq il-hnejja sabiex jerghu jigu zewg fondi separati. Ix-xhud qal illi l-bir li ghandu il-herza tieghu hdejn il-bieb ta’ barra stess kien jilqa l-ilmijiet tal-bjut kollha tal-fond numru 47 St Mary

Street Zabbar. Ix-xhud kompla jghid illi Emanuela Mallia kienet tghid lill-attur li setgha jaghmel li ried fil-fond imbasta ma jdahhalhiex fi spejjez u kienet oggezzjonat biss illi l-attur isaqqaf it-tarag illi kien mikxuf u kien jaghti ghall-kmamar ta’ fuq tas-sodda u ghalhekk l-attur qatt ma kien saqqaf dan it-tarag. Huwa xehed illi jaf personalment b’dawn il-fatti li xehed dwarhom.

Illi xehed ukoll Salvu Psaila li kien joqghod fil-fond numru 48 Saint Mary Street Zabbar, u ikkonferma illi l-atturi dejjem uzaw il-bejt sabiex jonxru il-hwejjeg kif ukoll bhala passagg. Huwa qal illi l-fond 47 Saint Mary Street, Zabbar ghandu xi kmamar fuq wara u biex tghaddi ghalihom bil-fors trid tghaddi minn fuq dan il-bejt u qabel ma twaqqa dan il-bejt huwa kien jara lill-atturi jghaddu minn fuq dan il-bejt bhala passagg. Huwa xehed illi it-tarag ghal fuq dan il-bejt kien minn barra u kien komuni u kien jintuza ghal inxir ta’ hwejjeg anke minn familji ohrajn u qal illi min-numru ufficjali tal-fond 47 tidhol ghall-intrata komuni li fiha hemm diversi bibien li jaghtu ghal fondi differenti. Ix-xhud kompla jghid illi il-bejt illum waqa u minfloku inbniet dar dar bi tlett sulari u illum hemm passagg ta’ zewg piedi u cioe’ hajt dobblu li l-attur juzah sabiex jghaddi minn fuqu, izda qabel l-attur kien juza wkoll il-bejt kollu u mhux biss il-passagg.

Illi xehdet ukoll Teresa Psaila illi kienet toqghod fil-fond 48 Saint Mary Street Zabbar, u qalet illi anke hi gieli naxret fuq il-bejt illi illum il-gurnata twaqqa. Hija dejjem kienet tara lill-atturi juzaw dan il-bejt li twaqqa ghall-inxir ta’ hwejjeg, kif ukoll bhala passagg, izda illum il-gurnata li l-bejt twaqqa l-atturi juzaw biss passagg li huwa wieghsa biss madwar pied u dan sabiex jghaddu ghall-kmamar.

Ikkunsidrat :

Illi l-atturi ipprezentaw rapport ta’ perit ex parte, il-Perit David Pace u f’dan ir-rapport il-Perit Pace qal illi bl-izvilupp illi sar fuq l-bini fejn il-bejt inbena, l-uzu tal-bjut komuni mas-sid issa spicca peress illi l-bejt twaqqa u tela bini oghla milli kien qabel. Aktar minn hekk, l-access ta’ l-attur ghal fuq il-bejt tal-fond mikri lilu fuq wara issa gie

imxekkel severament. Ghalhekk skond il-Perit Pace, minbarra il-perikolu illi l-access issa qieghed ristrett ghat-tarf, hemm ukoll il-fatt illi dan iservi ghall-ilma li jinzel mill-katusa, li jaggrava il-periklu ghal min juza dan l-access. Ghalhekk fl-opinjoni tieghu l-attur ma jistax igawdi id-dritt moghti lilu skond l-iskrittura peress illi ma jistax jaccedi liberament fuq il-bjut u lanqas ma jista jaccedi facilment ghal fuq il-bejt tal-fond mikri lilu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat fotokopja ta’ ftehim, skrittura li saret quddiem in-Nutar Carmelo Lia fit-12 ta’ Dicembru 1972, illi permezz taghha Stephen Mallia kera lill-attur il-fond numru 47 Saint Mary Street Haz-Zabbar konsistenti fid-dritt ta’ dhul mill-entrata markata bin-numru 47, liema dhul hu komuni ma ohrajn, bitha ghall-kerrej biss, u mad-dawra ta’ din il-bitha hemm kamra zghira u ohra fuqha u zewg kmamar ohra, umbaghad wara li terga tohrog mill-bitha issib tarag li is-sid jista juza flimkien mal-kerrej li jaghti ghal zewg ghorof fuq, u l-bjut komuni ukoll mas-sid.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel talba attrici hija illi l-Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tat-12 ta’ Mejju 2000 illi permezz tieghu irrevokat id-digriet taghha tat-28 ta’ April 2000.

Ikkunsidrat :

Illi l-procedura addottata mill-attur fil-kawza odjerna ma hijiex dik idoneja u dana peress illi messhom ipprezentaw rikors ghar-revoka contrario imperio ta’ l-imsemmi digriet fl-atti ta’ l-istess mandat u mhux permezz ta’ kawza ad hoc.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tichad l-ewwel talba attrici.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni talba attrici fejn l-atturi qeghdin jitolbu illi l-Qorti tilqa l-pretenzjonijiet vantati minnhom u tikkonferma il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 1469/2000, il-konvenut eccepixxa illi huwa

guridikament inconcepibbli il-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni peress illi ma jistax jkollok mandat ta' inibizzjoni perpetwa.

Illi l-Qorti rat sentenza taghha li inghatat fil-kawza fl-ismijiet Joe Cortis nomine vs Direttur tax-Xogholijiet et deciza fit-3 ta' April, 2008 fejn il-Qorti qalet hekk :

"Jinghad li t-talba tal-attur ma kellhiex tkun ghall-konferma tal-mandat, ghax il-konferma tal-mandat terga' twassal biss ghar-rikonoxximent ta dak li kien intalab li jigi dikjarat "prima facie" tar-rimedju temporanju kawtelatorju. Il-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tifforma mertu ta' decide peress li l-Qorti fid-decizjoni taghha mhux tikkonferma, izda tiddeciedi."

Illi f'sentenza simili ghall-kaz odjern, illi inghatat fil-kawza fl-ismijiet Adrian De Haan noe vs Dottor Tonio Farrugia et noe deciza mill-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998, il-Qorti qalet hekk :

"Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti tirrileva li l-attur naqas li jipproponi l-kawza fuq id-dritt li jrid u seta' jipprotegi wara li ottjena l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. B'hekk, minflok li talab li jigi dikjarat li ghandu dan il-jedd, id-dritt sostantiv tieghu, l-attur talab lill-Qorti biex testendi indefinittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni – dritt procedurali. Dawn huma zewg drittijiet separati u dinstinti li m'ghandhomx jitfixklu bejniethom. Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita` ta' mandat kawtelatorju permanenti."

Illi f'dan is-sens ukoll il-Qorti rat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997 fejn, inter alia, il-Qorti kienet qalet hekk :

"tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li rrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi hemm distinzjoni fundamentali bejn il-kuncett tal-kawtela ma' dik ta' garanzija tad-drittijiet. Wara il-kawtela tal-mandat hemm bzonn li d-dritt tal-parti jigi imsahhah u imwettaq b'sentenza in segwitu ta' citazzjoni. Din ghandha tkun marbuta mal-pretenzjoni ta' l-atturi u l-atturi ma kellhomx jitolbu rikonferma ta' digriet diga moghti."

Ikkunsidrat :

Illi inoltre fil-kaz odjern l-atturi lanqas biss talbu konferma, anzi l-ewwel talba taghhom hija ghal revoka contrario imperio ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta, liema procedura kif diga intqal hija procedura skoretta. Ghalhekk in vista ta' dan kollu il-Qorti ma tistax tikkonferma mandat ta' inibizzjoni, il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1469 tas-sena 2000, fl-ewwel lok peress illi dan id-digriet cahad it-talba ta' l-atturi u fit-tieni lok il-procedura ghar-revoka contrario imperio ta' dan il-mandat mhijiex korretta skond il-Ligi, u apparti dan it-talba ghall-konferma ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni mhijiex kontemplata fil-Ligi. L-azzjoni attrici kif proposta hija illegalment insostenibbli stante li ma tistax issir talba ghall-konferma perpetwa ta' mandat ta' inibizzjoni, izda l-atturi kellhom iressqu it-talba taghhom fuq il-mertu, cioe' kellhom jitolbu it-tutela ta' dritt sostantiv peress illi kieku kellha tigi milqugha it-talba attrici din ma twassalx ghar-risoluzzjoni tad-dritt vantat mill-atturi.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------